# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' April 2025**

**Talba nru. 358/2021 IS**

**ELMO INSURANCE LIMITED (C 3500) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGĦHA NEIL BUHAGIAR U L-ISTESS NEIL BUHAGIAR (I.D. 047088 M))**

***VERSUS***

1. **KUNSILL LOKALI RABAT**
2. **L-AĠENZIJA GĦALL-INFRASTRUTTURA MALTA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2021 (a fol. 2 et seq), l-atturi talbu l-ammont ta' tliet mija u erbgħa u erbgħin Ewro u erbgħa ċenteżmi tal-Ewro (Eur 344.04) rappreżentanti għall-ammont ta' mitejn u dsatax-il Ewro u erbgħa ċenteżmi tal-Ewro (Eur 219.04) li l-istess soċjeta' attriċi ħallset bħala indennizz a favur tal-assikurat tagħha, Neil Buhagiar, li huwa hawnhekk l-attur ukoll, u għall-ammont ta' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (Eur 125) subiti mill-attur Neil Buhagiar, bl-ispejjeż u l-imgħax.

Ra illi l-konvenut Kunsill Lokali Rabat ippreżenta ir-risposta tiegħu fis-7 ta' Jannar 2022 (a fol.12).

Ra illi l-konvenuta Aġenzija ippreżentat ir-risposta tagħha fil-11 ta' Jannar 2022 (a fol. 14).

Ra illi ll-atturi għalqu il-provi kollha tagħhom fis-17 ta' Jannar 2023 (a fol. 53).

Ra illi l-konvenuta Aġenzija għalqet il-provi kollha tagħha fl-4 ta' April 2023 (a fol. 91).

Ra illi l-konvenut Kunsill għalaq il-provi kollha tiegħu fl-24 ta' Ġunju 2024 (a fol. 120).

Ra illi l-partijiet iddikjaraw provi kollha magħluqa fl-24 ta' Ġunju 2024 (a fol. 120).

Ra illi saru diversi seduti u xehdu diversi persuni.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>
It-Tribunal seta' jara illi l-atturi qed jitolbu danni in konnessjoni ma' allegat inċident soffert mill-attur, Neil Buhagiar, fil-vettura tiegħu fil-21 ta' Diċembru 2019 filwaqt illi l-konvenuti qed jeċċepixxu illi huma m'għandhom ebda ħtija għal dan l-imsemmi allegat incident.

<u>It-talba tal-atturi</u>
It-Tribunal seta' jara li l-atturi ippreżentaw kopja tal-*current incident report*, liema kopja tinsab a fol. 4 sa 6 mal-avviż tat-talba fejn tela' jixhed fuq dan l-imsemmi rapport kemm PS 1573 fil-21 ta' Ġunju 2022 liema xhieda tinsab a fol. 40 sa 43 kif ukoll PS 1243 fis-17 ta' Jannar 2023 liema xhieda tinsab a fol. 64 sa 66 u li reġa' wkoll ippreżenta kopja tal-istess rapport li tinsab a fol. 67 u 68. Ħareġ ċar minn din ix-xhieda li għalkemm l-attur, Neil Buhagiar, qal lill-Pulizija skond hu kif seħħ l-allegat inċident, ħadd mill-Pulizija ma mar fuq il-post tal-imsemmi allegat inċident sabiex jaraw il-konkos li kien fit-triq.

L-atturi ippreżentaw ukoll affidavit tal-attur, Neil Buhagiar, minnu maħluf fil-15 ta' Ġunju 2022 u ppreżentat fil-21 ta' Ġunju 2022, li ukoll kellu allaċċjat diversi ritratti, liema affidavit u ritratti jinsabu a fol. 33 sa 39.

Xehed ukoll is-*surveyor* bħala xhud tal-atturi, Joseph Vella, fil-21 ta' Ġunju, 2022, fejn xehed illi "*il-hsarat kienu zewg tyres tan-naha tax-xellug*" (a fol. 45) u illi " … *jistghu isiru jew ma' xi hofra fonda fit-triq jew ma' xi ostaklu iebes, gebla u affarijiet hekk*" (a fol. 46) fejn ukoll ippreżenta kopja tas-*survey report* liema kopja tinsab a fol. 48 sa 51.

<u>L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti</u>
Min-naħa tagħhom, il-konvenuti eċċepew illi huma ma humiex responsabbli għall-allegat inċident li seħħ fuq il-vettura tal-attur, Neil Buhagiar.

Oltre' l-evidenza li nġiebet mill-partijiet konvenuti rispettivi, it-Tribunal seta' jara x-xhieda ta' Anthony Bonello, li għandu l-kariga ta' segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat skond l-affidavit tiegħu stess li jinsab a fol. 95, fejn xehed fl-24 ta' Ġunju 2024, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 121, is-segwenti:

*"Dr. Maria Navarro: Mela l-ewwel haġa naqblu li din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill? Xhud: Iva taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill."*

Għaldaqstant, meta t-Tribunal iqis l-evidenza kollha prodotta, jikkonkludi li *se mai* il-konvenuta Aġenzija żgur ma tista' qatt tkun responsabbli għal dan l-allegat inċident.

Ir-responsabbilta' tal-attur, Neil Buhagiar

Biss pero', wara li qies l-evidenza kollha, it-Tribunal iqis illi jrid jikkunsidra dak li qalet l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo***[1] fejn ikkonkludiet illi"*In tema legali l-Qorti tosserva li huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus pater familias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali ucirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq. Gie osservat minn dawn il-Qrati li: "Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma lhin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol.LXXXII.III.322]. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view" [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54] "Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side"[Mewhaus vs Bastion Insurance Limited]."* Iktar ċar, fis-sentenza ***Il-Pulizija (Spettur S. Micallef) Vs Robert Zaffarese***[2] l-Onorabbli Qorti ddefiniet b'mod ċar xi tfisser *proper look out* fejn ikkonkludiet illi *""Min ma jarax dak li ragonevoment kellu jara, jfisser li ma kienx qed izomm " proper lookout" (App. Krim. Pul. vs. J.M.Laferla -17.6.61) u gie ukoll ritenut minn din il-Qorti li "hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (App. Krim. Pul. vs. Joseph Vella - 10.8.63). Il-"lookout" gie defenit hekk f' "Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd."(1968) : "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A driver must have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* Dawn il-prinċipju reġgħu kienu imnissla mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Antoinette Cachia (KI 63953M) vs David Galea (KI 138789M) u Henry Harry Aquilina (KI***

[1] 15 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 562/2002/1

[2] 6 ta' Novembru 2002, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Ref.: 177/2002

***51387M),***[3] fost oħrajn.

It-Tribunal ra illi l-atturi ma ġabu ebda prova illi dan l-allegat inċident seħħ għaliex kien hemm xi maltemp dakinhar tal-allegat inċident jew kien għadu d-dlam iżda, l-attur, Neil Buhagiar, qal biss fl-affidavit tiegħu hawn fuq imsemmi illi "*2. … Dak il-hin rajt li waqt li t-truck kien tiela t-telgha, dan kien qabez il-linja tan-nofs u kellu r-roti fuq il-karregjata li fija kont qieghed insuq jiena fid-direzzjoni opposta. Dak il-hin jiena rrallentajt u ersaqt kemm stajt lejn in-naha tax-xelluq tat-triq …*" (a fol. 33). It-Tribunal ħares lejn ir-ritratti prodotti mill-attur, Neil Buhagiar, li jinsabu a fol. 34 sa 39, fejn iktar importanti huwa r-ritratt li jinsab a fol. 39, fejn din il-biċċa konkos tidher sew barra mill-bankina għal nofs it-triq u sewwieq nieżel it-triq, kif kien nieżel Neil Buhagiar, seta' jaraha sew b'dan illi t-Tribunal ma setax jifhem kif is-sewwieq ma rahix ma' l-art. Inoltre', it-Tribunal ħares għal'darb'oħra lejn l-affidavit tal-attur, Neil Buhagiar, fejn qal illi "*… Ftit 'l fuq minn fejn kienet wieqfa l-vettura tieghi rajt bicca konkos mqabbza sewwa l-barra lejn in-nofs ta' triq …*" (a fol. 33) b'dan illi huwa ċar illi meta l-attur, Neil Buhagiar, għadda bil-vettura tiegħu, seta' faċilment jara dan il-konkos li kieku applika il-*proper look out*, hekk kif analizzat iktar 'il fuq.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis illi dan l-allegat inċident seħħ proprju minħabba nuqqas ta' diliġenza raġjonevoli applikata mill-attur, Neil Buhagiar.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-atturi għar-raġunijiet hawn fuq premessi.

Jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju il-konvenuti kollha.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' attriċi, Elmo Insurance Limited (C 3500), u dan għaliex hija intavolat din it-talba f'isimha u f'isem l-attur, Neil Buhagiar.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

[3] 24 ta' Jannar 2018, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 720/2011